**Qed nitolbu għalik**

Għażiż ħuna Victor madwarek qegħdin
Nitolbu minn qalbna lil Ġesu Ħanin,
Dak Ġesù li int dejjem qdejt fil-marid,
F'min għaddej mit-tbatija tal-mard is-salib.

U magħna hawn kor kbir ta' anġli ċkejkna
Li ilkoll għalik jitolbu mal-imsejkna,
Li ħallew dan il-Wied tad-Dmugħ mis-sema
Jidħlu għalik, il-ġid l'għamilt hemm jinstema'.

Ħa tħarsek Marija, Ommna u Ommok
Bil-mant tagħha mimli ħniena hi tgħożżok,
San Ġużepp ikun għalik ta' protettur
U San Leopoldu ħdejk, konsolatur.

Ħa mmur ħalli inqaddes għall-pazjenti
Ħa nitlob għalik, jien rikonoxxenti,
U l-ġemgħa mbierka li daqt se tixxierek
Għalik titlob o ħuna, lilek tbierek.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Jannar 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.